# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April,2021.**

**Numru 15**

**Rikors numru 168/15/1 JVC**

**Rodney Ciantar**

**v.**

**Klabb tal-Boċċi Kalkara u Robert Zaffarese**

1. Fl-24 ta' Frar 2015 l-attur intavola din il-kawża għaliex isostni li bħala konsegwenza tal-bdil tas-serratura u l-katnazz tal-bieb tal-Klabb tal-Boċċi fil-Kalkara huwa ġie spoljat mill-pussess tal-bar tal-istess klabb, liema bar kien allegatament mikri lilu, u liema kirja kellha tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2016. Għalhekk talab li jiġi dikjarat li sar spoll fil-konfront tiegħu, u biex jerġa' jiġi reintegrat fil-pussess tal-imsemmi bar.

2. Fis-sentenza mogħtija minnha fl-14 ta' Lulju 2020 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili irriżultalha li l-attur ma ppruvax l-element tal-pussess u allura dehrilha li ma kienx il-każ li tikkunsidra jekk kinux jissussistu l-elementi l-oħra tal-*Actio Spolii*. Għalhekk ċaħdet it-talbiet tiegħu.

**RIKORS TAL-APPELL tal-attur Rodney Ciantar (10.08.2020):**

3. L-attur ħassu aggravat b'tali deċiżjoni u għalhekk fl-10 ta' Awwissu 2020 intavola l-appell odjern fejn talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu. L-aggravju tiegħu bażikament jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti, skont hu, kienet żbaljata meta kkonkludiet li ma kienx jissussisti l-element tal-pussess.

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuti (20.08.2020):**

4. Il-konvenuti appellati fir-risposta tal-appell tagħhom taw ir-raġunijiet tagħhom biex juru li l-appell tal-attur huwa infondat u li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

5. In linea preliminari pero`, aċċennaw għall-fatt li s-sentenza ingħatat fl-14 ta' Lulju 2020 u l-appell ġie intavolat fl-10 ta' Awwissu 2020, u li allura sar *fuori termine* u allura huwa irritu u null.

6. Għalhekk talbu lil din il-qorti biex tiċħad l-appell odjern bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant, inkluż, jekk hekk jidhrilha, bid-*doppie spese* skont l-Artikolu 223(4) minħabba li fil-mertu huwa frivolu u vessatorju, apparti li ġie ppreżentat *fuori termine.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

7. Kif jenfasizzaw il-konvenuti appellati, il-kawża ġiet deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2020 u l-appell ġie intavolat fl-10 ta' Awwissu 2020.

8. L-Artikolu 226(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *"L-appell isir b'rikors li jiġi preżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza".*

9. Għoxrin jum mill-14 ta' Lulju 2020 jiġi t-3 ta' Awwissu 2020, u għalhekk jirriżulta li l-appell sar ġimgħa tard.

10. Issa wieħed ma jridx jinsa li fis-sena 2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kien hemm żmien meta l-qrati ġew magħluqa u t-termini legali ġew sospiżi[1]. Madanakollu fiż-żmien meta ġiet deċiża s-sentenza

[1] **Vide :**
A.L. 65/2020 (Ordni tal-2020 dwar l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja)
A.L. 97/2020 (Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja)
A.L.177/2020 (Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja - Emenda Nru 2)

mertu ta' dan l-appell, il-qrati kienu reġgħu infetħu u t-termini ma kinux aktar sospiżi. Permezz tal-**A.L. 230/2020** (*Ordni li jħassar l-Ordni dwar l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja*) is-Supritendent tas-Saħħa Pubblika ħassret l-Ordni dwar l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja, liema ordni ta' tħassir daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2020. Kwantu għas-sospenzjoni tal-limiti ta' żmien fir-rigward ta' preżentazzjoni ta' atti quddiem Qrati fil-bini tal-qrati, ġie provdut hekk:

> *4. Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ <u>għal perjodu ta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.</u>*

11. Għalhekk meta fl-14 ta' Lulju 2020 ingħatat is-sentenza mertu ta' dan l-appell ma kienx għadhom *in vigore* is-sospenzjonijiet tat-termini. Isegwi għalhekk li dan l-appell sar *fuori termine.*

12. Fis-seduta tat-12 ta' April 2021 din il-Qorti fil-fatt ġabet dan il-fatt a konjizzjoni tad-difensur tal-appellant:

> *"Il-Qorti ggib ghall-attenzjoni tad-difensur tal-appellant illi dan l-appell gie prezentat fuori termine.*
>
> *Id-difensur Dr Farrugia Mifsud tiddikjara illi l-kopja tas-sentenza kienet giet moghtija lilha ftit tal-jiem wara li nghatat is-sentenza, stante li l-Avukata kienet persuna vulnerabbli minhabba kundizzjoni medika nghatat parir mediku biex tibqa' kwarantina.*
>
> *Minhabba f'hekk is-sentenza kellha tintalab vera kopja minghand il-Prokuratur Legali biex tigi diskussa mal-klijent.*
>
> *L-Av Ludvic Caruana min-naha tieghu jaghmel referenza ghall-Artikolu 251 tal-Kap 12.*

*L-appell gie differit ghas-sentenza dwar ir-risposta li l-appell sar fuori termini ghat-28 t'April 2021 fit-8:30am."*

13. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-fatt li d-difensur tal-attur appellant kienet kwarantina jiġġustifika li r-rikors tal-appell jiġi preżentat tardivament, kif jidher li qed tippretendi l-istess difensur. Kif sottomess mid-difensur tal-konvenuti appellati, l-Artikolu 251 tal-Kap 12 jipprovdi li ż-żminijiet imsemmija fl-Artikolu 226 huma perentorji. Id-difensur tal-appellant issottomettiet li s-sentenza ma ġietx 'uploaded' mill-ewwel fuq is-sistema tal-Qorti u ma setgħetx tiġbor kopja, pero` ma hemm ebda prova dwar dan, apparti ECMU8091529 li kopja setgħet tinġabar direttament mill-klijent u l-istess rikors tal-appell seta' ġie preżentat mill-istess appellant.

14. Għaldaqstant dan l-appell qed jiġi dikjarat null.

15. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da